

Brussell, 27 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9069/25

LIMITE

SAN 237
SOC 295
JEUN 87
EDUC 168
CULT 55
DIGIT 91
TELECOM 143
DISINFO 43
CYBER 136
JAI 621
RECH 230

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolessenti fl-era diġitali - <i>Approvazzjoni</i>

1. Fit-28 ta' Frar 2025, il-Presidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika sett ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolessenti fl-era diġitali¹.
2. Fost diversi avvenimenti dwar dan is-suġġett, il-laqgħa informali tal-Ministri għas-Saħħa fl-24 u l-25 ta' Marzu 2025 u l-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolessenti fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni fis-7 u t-8 ta' April 2025 taw kontribut għad-diskussjonijiet dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill.

¹ dok. 6348/25

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fil-laqgħat tiegħu tal-10 ta' Marzu, l-14 ta' April u t-12 ta' Mejju 2025.
4. Wara konsultazzjoni informali bil-miktub konklużi fid-19 ta' Mejju, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika laħaq qbil dwar it-test ta' compromess tal-Presidenza għall-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ta' din in-Nota;
 - jippreżentahom lill-Kunsill (EPSCO) għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2025.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fl-era diġitali

Introduzzjoni

It-teknoloġiji diġitali¹ għandhom il-potenzjal li jtejbu s-saħħa mentali billi jipprovdu aċċess għal informazzjoni, networks ta' appoġġ u servizzi ta' terapija mill-bogħod, u s-setgħa li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali², b'mod partikolari fost it-tfal u l-adolexxenti³.

Għalhekk, hemm hteġġa urġenti li jitrawwem l-użu aktar sikur u san tal-ġħodod diġitali mit-tfal u l-adolexxenti li jagħti prijorità lill-protezzjoni tas-saħħa mentali tagħhom, billi jiġi promoss il-litteriżmu diġitali u fil-media flimkien ma' ħliet soċjali u emozzjonali, u billi jinħoloq ambjent aktar san, aktar sikur u xieraq għall-età permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inkluż daww li jfasslu l-politika, l-awtoritajiet lokali u l-industrija diġitali kif ukoll il-familji, l-indoktruri, l-edukaturi, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, adulti oħra li jaħdmu mat-tfal u l-adolexxenti, u r-rappreżentanti taż-żgħażaġħ.

-
- ¹ It-"teknoloġija diġitali" hawnhekk tintuża bħala terminu li jkopri kollox u tirreferi għal apparati diġitali (jiġifieri kompjuters, tablets, mowbajls, smartwatches) kif ukoll attivitajiet medjati diġitalment li t-tfal u l-adolexxenti jinvolve ruħhom fihom permezz ta' dawn l-apparati (jiġifieri l-użu tal-internet, in-networking soċjali, iċ-chatting online jew il-logħob). Ara aktar hawn: Kardefelt-Winther, D., 'How does the time children spend using digital technology impact their mental well-being, social relationships and physical activity?' (Il-ħin li t-tfal iqattgħu jużaw it-teknoloġija diġitali kif jaffettwa l-benesseri mentali, ir-relazzjonijiet soċjali u l-attività fiżika tagħhom?) Analiżi litterarja li tiffoka fuq evidenza, Dokument ta' Riflessjoni Innocenti, 2017-02, Diċembru 2017, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF – Innocenti, Firenze, <https://www.unicef.org/innocenti/media/8181/file/UNICEF-Innocenti-Time-Using-Digital-Tech-Impact-on-Wellbeing-2017.pdf>.
- ² Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, COM(2023) 298 final, 7 ta' Ġunju 2023, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2023:298:FIN>.
- ³ F'dan id-dokument il-kategorija "tfal" tirreferi għal tfal żgħar (tfal li ma bdewx l-edukazzjoni primarja) u tfal tal-età tal-iskola (tfal li jattendu l-iskola primarja), filwaqt li l-kategorija "adolexxenti" tirreferi għal daww li jattendu skejjel intermedji, skejjel sekondarji u skejjel sekondarji għolja.

Dawk involuti fid-disinn diġitali jeħtieġ jieħdu aktar responsabbiltà u jevalwaw il-konsegwenzi potenzjali tal-għażliet tagħhom, inkluż ir-riskji u t-theddid għas-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolexxenti. Billi jinkorporaw is-sikurezza, il-privatezza, it-trasparenza, id-diversità u l-affidabbiltà ta' kontenut ta' kwalità għolja u l-benesseri tal-utent fil-proċess tad-disinn mill-bidu nett, il-kreaturi u l-fornituri tat-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħinu biex jittaffew l-effetti negattivi fuq is-saħħa mentali u jitrawwem ambjent online aktar sikur u bbilanċjat għat-tfal u l-adolexxenti.

Fl-aħħar nett, l-isfidi globali u reġjonali reċenti, inkluż il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-eskalazzjoni tal-kunflitti armati fil-Lvant Nofsani u bnadi oħra, il-kriżi klimatika persistenti u l-emerġenzi mhux mistennija, aggravaw il-fatturi ta' stress li għandhom impatt fuq is-saħħa mentali, b'mod partikolari għat-tfal u l-adolexxenti. Dawk l-isfidi ġew intensifikati aktar mill-influwenza dejjem akbar u l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji diġitali u l-ambjenti online, inkluż il-media soċjali, u miż-żieda assoċjata fi Prattiki problematiċi tad-disinn online⁴ li jippruvaw jinfluwenzaw lill-utenti jew jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tat-tfal u tal-adolexxenti⁵. Dawn l-iżviluppi jeħtieġu rispons koordinat fil-livell Ewropew⁶.

⁴ Pereżempju disinji skuri jew disinji li jgħolqu dipendenza.

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Lupiáñez-Villanueva, F., Boluda, A., Bogliacino, F., Liva, G. et al., Behavioural study on unfair commercial practices in the digital environment – Dark patterns and manipulative personalisation – Final report (Studju ta' mgħiba dwar Prattiki kummerċjali inġusti fl-ambjent diġitali – Disinji skuri u personalizzazzjoni manipulattiva – Rapport finali), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, <https://data.europa.eu/doi/10.2838/859030>.

⁶ Il-pandemija tal-COVID-19 żiedet b'mod sinifikanti l-ħin li t-tfal iqattgħu online u l-preżenza online tal-iskejjel u tal-ħajja kulturali u soċjali qed tiżdied. Ara aktar hawn: Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final, 24 ta' Marzu 2021, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0142>.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

1. Li mhemmx saħħa mingħajr is-saħħa mentali, li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tiddefinixxi bħala "stat ta' benesseri mentali li fih in-nies ikunu jifilħu jindirizzaw l-istress tal-ħajja, jagħrfu l-kapaċitajiet tagħhom, jitgħallmu u jaħdmu tajjeb, u jikkontribwixxu għall-komunità tagħhom" (traduzzjoni mhux uffiċjali)⁷.
2. Fl-Artikolu 168(1) TFUE, li jindika, fost l-oħrajn, li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun diretta lejn il-prevenzjoni tal-mard mentali⁸.
3. Fid-dritt tat-tfal u tal-adolesxenti kollha għas-saħħa, inkluż is-saħħa mentali, kif minqax fid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari fil-Konvenzjoni tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal^{9,10} u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE¹¹.

⁷ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 'Mental Health' (Is-Saħħa Mentali), sit web tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, aċċessat fl-20 ta' Jannar 2025, https://www.who.int/health-topics/mental-health#tab=tab_1.

⁸ L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. ĠU C 326, 26.10.2012, ELI: <http://data.europa.eu/eli/treaty/tfeu/2012/oj>.

⁹ L-Artikolu 17 tagħha jirrikonxxi d-dritt tat-tfal li jkollhom aċċess għal informazzjoni li tippromwovi l-benesseri, iżda jsemmi wkoll b'mod espliċitu l-protezzjoni tat-tfal minn kontenut li huwa ta' detriment għall-benesseri, l-Artikolu 24 tagħha jiddikjara d-dritt tat-tfal li jgawdu l-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb, u l-Artikolu 27 tagħha jenfasizza d-dritt tat-tfal kollha għal livell ta' għajxien adegwat għall-iżvilupp fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tat-tfal. Ara aktar hawn: In-Nazzjonijiet Uniti, Convention on the Rights of the Child (Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal), 20 ta' Settembru 1989, <https://www.ohchr.org/sites/default/files/crc.pdf>.

¹⁰ Barra minn hekk, il-kumment ġenerali Nru 25 tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal jiddikjara li d-drittijiet kollha tat-tfal għandhom jiġu promossi, rispettati, protetti u ssodisfati fl-ambjent diġitali, <https://www.unicef.org/bulgaria/en/media/10596/file>.

¹¹ L-Artikolu 24 tagħha jirrikonxxi li t-tfal huma intitolati għall-"protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom", u li l-aħjar interessi tat-tfal jeħtieġ li jkunu l-kunsiderazzjoni primarja għall-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet privati. Ara aktar hawn: ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1–16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/treaty/char/2007/oj>.

4. Li, f'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea tat priorita lis-suġġett tas-saħħa mentali fuq l-aġenda tagħha u, konsegwentement, is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolexxenti ngħatat iżjed attenzjoni^{12,13,14,15,2,16,17,18}, fost oħrajn fl-2022, is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ (2019-2027)¹⁹, l-inizjattiva ewlenija Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola²⁰, u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Digitali²¹.


-
- ¹² Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa:: Ewropa li tieħu ħsieb, tħejji, tipproteġi, 11597/24, 26 ta' Ġunju 2024, <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-11597-2024-INIT/mt/pdf>.
- ¹³ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali, 15971/23, 30 ta' Novembru 2023, <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15971-2023-INIT/mt/pdf>.
- ¹⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali taż-żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea, ĠU C, C/2023/1337, 30.11.2023, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2023/1337/oj>.
- ¹⁵ Il-Parlament Ewropew: Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, Cerdas, S., "Rapport dwar is-saħħa mentali", 2023/2074(INI), 17 November 2023, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2023-0367_MT.html.
- ¹⁶ Il-Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, Wellbeing and mental health at school – Guidelines for education policymakers, school leaders, teachers and educators (Benesseri u saħħa mentali fl-iskola – Linji gwida għal dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni, il-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema u l-edukaturi), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/590>. <https://education.ec.europa.eu/news/supporting-wellbeing-at-school-new-guidelines-for-policymakers-and-educators>.
- ¹⁷ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, 16366/24, 2 ta' Diċembru 2024, <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-16366-2024-INIT/mt/pdf>.
- ¹⁸ Il-Kummissjoni Ewropea Dikjarazzjoni Ewropea tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, ĠU C 23, 23.1.2023, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:JOC_2023_023_R_0001.
- ¹⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1–22, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A42018Y1218%2801%29>.
- ²⁰ Il-Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura, Pathways to school suċċess (Perkorsi għas-suċċess fl-iskola), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/477763>.
- ²¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Żona Ewropea tal-Edukazzjoni - l-Edukazzjoni Diġitali, "Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali", is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea, 23 ta' Novembru 2023, aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025. <https://education.ec.europa.eu/mt/focus-topics/digital-education/action-plan>.

5. Fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, li tirrikonoxxi l-importanza ta' saħħa mentali tajba għall-iżvilupp tat-tfal²², u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, li tpoġġi enfasi speċjali fuq is-saħħa mentali²³.
6. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, li tirrikonoxxi t-tfulija bħala stadju kruċjali fil-ħajja, filwaqt li tenfasizza l-impatt dejjiemi tal-isfidi tas-saħħa mentali ta' matul it-tfulija fuq l-individwi, il-komunitajiet u s-soċjetajiet kif ukoll ir-rwol ewlieni li għandhom il-familji², ir-riżorsi soċjoekonomiċi tagħhom kif ukoll l-ambjent tagħhom b'mod ġenerali.
7. Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jenfasizzaw l-impatt negattiv tal-bullying ċibernetiku, il-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni, u l-esponiment għal standards ta' sbuħija mhux realistiċi fuq is-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti¹⁷.

²² Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM(2021) 142 final, 24 ta' Marzu 2021, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0142>.

²³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, ĠU L 223, 22.06.2021, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reco/2021/1004/oj>.

8. Fil-ħidma leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva reċenti mwettqa mill-Unjoni biex id-dinja diġitali ssir aktar sikura għat-tfal u l-adoloxxenti^{24,25,26,27,28,29} u dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online^{30,31}.



-
- ²⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) ĠU L, 2022/2065, 27.10.2022, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj>.
- ²⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażaġh: l-istrateġija Ewropea l-għdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK +), COM (2022) 212 final, 11 ta' Mejju 2022, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52022DC0212>.
- ²⁶ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2021 dwar id-drittijiet tat-tfal fid-dawl tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, ĠU C, 2021/C 474/16, 11.03.2021, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2021_474_R_0017.
- ²⁷ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel, ĠU C, 2020/C 193 I/06, 9.06.2020, [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020XG0609\(04\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020XG0609(04)).
- ²⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtaziet tas-suq li qed jinbiddu, ĠU L, 2018/1808, 28.11.2018, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/1808/oj>.
- ²⁹ Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), PE/24/2024/REV/1, ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj>.
- ³⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, COM(2020) 607 final, 24 ta' Lulju 2020, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0607>.
- ³¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024, PE/38/2021/REV/1, ĠU L 274, 30.7.2021, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj>.

9. Fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, li, fost l-oħrajn, jimponi rekwiżiti fuq il-pjattaformi online biex jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni li jużaw is-servizzi tagħhom²⁴, u jobbliga lill-pjattaformi online kbar ħafna jwettqu regolarment valutazzjoni tar-riskju u mitigazzjoni tar-riskju b'rabta mar-riskji sistemiċi għar-rispett għad-drittijiet tat-tfal u għall-protezzjoni tal-minorenni minn konsegwenzi negattivi għall-benesseri fiżiku u mentali tagħhom; id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, li, fost l-oħrajn, tipprovdi qafas speċifiku b'salvagwardji kontra kontenut awdjoviżiv dannuż, inkluż kontenut ipprovdut fuq pjattaformi ta' video-sharing, u tobbliga wkoll lill-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva u l-fornituri ta' pjattaformi ta' video-sharing taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lill-minorenni minn kwalunkwe programm jew vidjo maħluq mill-utenti u komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jistgħu jfixxlu l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom²⁸; l-istrateġija Ewropea l-għdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK +), li tinkludi miżuri li jappoġġaw il-benesseri mentali online u disinji xierqa għall-età, għandha l-għan li tqajjem kuxjenza u tibni l-kapaċità fir-rigward tar-riskji online, bħall-bullying ċibernetiku, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, u tippromwovi mgħiba sana u responsabbli online²⁵ u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li jistabbilixxi regoli orizzontali u bbażati fuq ir-riskju dwar kif l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' tiġi żviluppata u użata fl-Unjoni fl-oqsma u s-setturi kollha, għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni u sikurezza tad-drittijiet fundamentali, u jqis id-drittijiet speċifiċi tat-tfal, inkluż billi jipprojbixxi b'mod espliċitu sistemi tal-IA li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tat-tfal online²⁹ u billi jimplimenta salvagwardji proporzjonati u effettivi għal sistemi tal-IA b'riskju għoli.

10. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali, li jappellaw lill-Istati Membri jsaħħu l-benesseri tal-istudenti u tal-edukaturi meta jfasslu politiki u strateġiji nazzjonali fl-edukazzjoni diġitali u jappoġġaw lill-iskejjel fl-iżvilupp ta' ġestjoni xierqa tal-ħin fir-rigward tal-attivitajiet ta' taħlim u apprendiment diġitali u wiċċ imb wiċċ³².
11. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika, li jħeġġu lill-Istati Membri jqawwu l-litteriżmu fil-media u diġitali effettiv, fid-dawl tal-isfidi dejjem akbar li t-tfal u l-adolexxenti jiffaċċaw f'kuntesti diġitali u online, relatati ma' kwistjonijiet bħas-sigurtà u l-privatezza diġitali, il-bullying ċibernetiku, id-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u r-radikalizzazzjoni³³.
12. Fl-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li tintegra l-preparatezza fil-kurrikuli tal-iskejjel, li tħarreġ lill-persunal edukattiv biex tgħinu jiżviluppa hiliessenzjali ta' tħejjija, bħal-litteriżmu fil-media u diġitali, u li żżid l-għarfien dwar ir-riskji u t-theddid, b'mod partikolari billi tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni³⁴.
13. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-hiliessenzjali motorji u l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal, li jenfasizzaw ir-rabta bejn l-attività fiżika u l-benesseri mentali tat-tfal u l-adolexxenti³⁵.

³² Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali, 2022/C 469/04, 9.12.2022, ELI: [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52022XG1209\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52022XG1209(01)).

³³ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għat-tisħiħ tal-valuri komuni Ewropej u ċ-ċittadinanza demokratika, ĠU C, C/2023/1419, 1.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1419/oj>.

³⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, JOIN(2025) 130 final, 26 ta' Marzu 2025, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025JC0130>.

³⁵ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-hiliessenzjali motorji, l-attivitajiet fiżiċi u sportivi għat-tfal, ĠU C, 2015/C 417/09, 15.12.2015, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52015XG1215%2807%29>.

14. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, li jenfasizzaw l-impatt tal-attività fiżika fuq is-saħħa mentali waqt it-tfulija³⁶.
15. Li dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill huma mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

16. Il-benesseri mentali tat-tfal u l-adolesxenti jista' jippermettilhom jiksbu stadji importanti ta' żvilupp³⁷, jitgħallmu dwar modi kif jiffaċċaw il-problemi, jirregolaw l-emozzjonijiet tagħhom stess, jiksbu kompetenzi soċjali u emozzjonali, jistabbilixxu relazzjonijiet siguri u li jgħinuhom jgħożżu l-pari u l-adulti, jirnexxu fl-iskola, jiżviluppaw sens qawwi ta' apprezzament tagħhom infushom u jibnu l-fiduċja fihom infushom u l-identità tagħhom li ser ikollhom bżonn biex jiffjorixxu³⁵.
17. Sa 20 % tat-tfal madwar id-dinja jesperjenzaw problemi ta' saħħa mentali²² u 9 miljun adolesxenti (li għandhom bejn 10 snin u 19-il sena) jgħixu b'disturbi mentali fl-Ewropa³⁸, li – jekk ma jiġux ittrattati – jinfluwenzaw serjament l-iżvilupp, il-livell edukattiv li jistgħu jilhqqu u l-potenzjal tagħhom li jgħixu ħajja li tagħtihom sodisfazzjon.

³⁶ Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-attività fiżika tul il-ħajja, ĠU C, 2021/C 501 I/01, 13.12.2021,

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2021_501_I_0001.

³⁷ SOS Children's Villages, "A truly comprehensive EU approach to mental health: Putting children and families' wellbeing at the centre", Settembru 2024, <https://www.sos-childrensvillages.org/getmedia/677b48e5-a312-4454-bc0a-766057acbf30/Briefing-note-mental-health-SOS-CVI>.

³⁸ Il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, The State of the World's Children 2021: On My Mind – Promoting, protecting and caring for children's mental health, UNICEF, New York, Ottubru 2021, <https://www.unicef.org/media/114636/file/SOWC-2021-full-report-English.pdf>.

18. Il-kawżi tal-isfidi għas-saħħa mentali spiss jiżviluppaw kmieni fit-tfulija, u madwar nofs id-disturbi mentali kollha jfeġġu qabel l-età ta' 14-il sena, li jixhed l-importanza enormi ta' dan l-istadju tal-ħajja fl-iżvilupp ta' individwu³⁹. Bl-istess mod, l-adolessenza hija perjodu kruċjali biex jiġu żviluppati abitudnijiet soċjali u emozzjonali li jippromovu l-benesseri mentali. Anke f'każijiet fejn l-isfidi għas-saħħa mentali jiżviluppaw aktar tard fil-ħajja, l-esperjenzi bikrija huma formattivi u, jekk dawn ikunu diffiċli, jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' disturbi mentali fi kwalunkwe età.
19. Illum il-ġurnata, il-ħajja ta' kuljum tat-tfal u tal-adolessenti sseħħ dejjem aktar f'ambjenti diġitali, u għalhekk huwa kruċjali li d-drittijiet tagħhom fid-dinja diġitali jiġu salvagwardati bl-istess mod bħal fid-dinja fiżika.
20. L-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji diġitali joffri ħafna benefiċċji għat-tfal u l-adolessenti relatati mal-edukazzjoni, id-divertiment u l-komunikazzjoni, bħal pereżempju għażliet għal tagħlim personalizzat, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tagħhom jew l-aċċess għal komunitajiet virtwali. Dawn il-benefiċċji jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' konnessjonijiet soċjali, speċjalment fost l-adolessenti, li jistgħu jqawwu s-saħħa mentali³⁹ u l-benesseri ġenerali tagħhom. Jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod pożittiv għal kampanji preventivi mmirati lejn it-tfal u l-adolessenti, bħal kampanji ta' prevenzjoni tas-suwiċidju.

³⁹ Eżempju ta' dawn il-benefiċċji huwa l-logħob responsabbli li jista' jkun ta' benefiċċju għas-saħħa mentali billi jirfina r-riflessi, itejjeb il-burdata u jħalli lill-plejers jesploraw karatteristiċi tal-personalità u emozzjonijiet ġodda. Il-logħob online jista' jgħin ukoll biex jinbnew konnessjonijiet globali, speċjalment għal dawk li jsibu diffikultà biex jissoċjalizzaw. Ara aktar hawn: Mental Health Europe, "Report on Digitalisation in Mental Health, Mental health in the digital age: Applying a human rights based, psychosocial approach as compass", Diċembru 2022, <https://www.mhe-sme.org/wp-content/uploads/2023/01/Mental-health-in-the-digital-age-Appling-a-human-rights-based-psychosocial-approach-as-compass.pdf>.

21. Fl-istess ħin, l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji diġitali msemmi hawn fuq joħloq theddida f'termini ta' ambitu u konsegwenzi li parzjalment għadhom mhux magħrufa għall-benesseri mentali ġenerali tat-tfal u l-adolessenti. Għalhekk, hija meħtieġa aktar riċerka biex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt tiegħu fuq il-moħħ u l-personalità li jkunu għadhom qed jiżviluppaw, inkluż il-kapaċitajiet u l-ħiliet konjittivi, kif ukoll il-konsegwenzi potenzjali tiegħu fuq l-imġiba⁴⁰, speċjalment b'referenza għat-tfal u l-adolessenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
22. Ir-riskji assoċjati mal-espansjoni tat-teknoloġiji diġitali għas-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolessenti jistgħu jkunu għoljin, għalhekk, sakemm titwettagħ biżżejjed riċerka, ikun approċċ prudenti jekk jittieħdu miżuri preventivi biex jittaffew ir-riskji potenzjali, abbażi tal-evidenza xjentifika attwali. Miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, l-integrazzjoni tat-tagħlim tal-ħiliet soċjoemozzjonali u mekkaniżmi ta' rispons għall-istress fis-sistema edukattiva, ir-regolamentazzjoni ta' Prattiki li diġà huma magħrufa li joħolqu dipendenza u li huma manipulattivi, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ lill-ġenituri billi dawn jingħataw l-informazzjoni u l-għodod xierqa sabiex it-tfal u l-adolessenti jitgħallmu kif jinnavigaw id-dinja diġitali b'mod sikur u awtonomat.
23. Jeħtieġ li s-sistemi regolatorji u edukattivi jindirizzaw aħjar dawn l-isfidi sabiex jiżguraw li t-tfal u l-adolessenti jibbenefikaw mill-opportunitajiet tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat u mmitigat l-impatt negattiv potenzjali tagħhom fuq is-saħħa mentali tagħhom.
24. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet mhumie x id-diġitalizzazzjoni jew l-użu tat-teknoloġiji diġitali li jirrappreżentaw problema, iżda aktar grupp ta' determinanti diġitali, bħal, pereżempju, l-utent, l-imġiba, l-ambjent, il-kontenut u d-disinn, li jistgħu jinfluwenzaw is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolessenti.

⁴⁰ European Public Health Alliance, Farah, L., "Strengthening countries' cooperation to safeguard children and adolescents from screen addiction and to protect mental health", sit ta' European Public Health Alliance, 24 ta' Settembru 2024, aċċessat fil-21 ta' Jannar 2025, <https://epha.org/strengthening-countries-cooperation-to-safeguard-children-and-adolescent-from-screen-addiction-and-protect-mental-health/>.

25. Bħala utenti tat-teknoloġija diġitali, it-tfal u l-adolessenti jikkostitwixxu grupp vulnerabbli partikolarment suxxettibbli li jsiru vittmi ta' ċiberkriminalità (eż. serq tal-identità, estorsjoni, abbuż sesswali tat-tfal), prattiki ta' disinn manipulattivi u/jew li joħolqu dipendenza, l-użu illegali ta' data personali, jew il-parteeċipazzjoni f'attivitajiet illegali jew li mhumiex xierqa għalihom (eż. jaraw kontenut għall-adulti, jilagħbu logħob tal-azzard online u f'logħob online (eż. l-hekk imsejħa loot boxes), jixtru alkoħol, tabakk u prodotti simili⁴¹, jew jagħmlu mħatri online). It-tfal u l-adolessenti jistgħu wkoll ikunu vulnerabbli għal reklutaġġ online bl-iskop ta' sfruttament ulterjuri, u l-bniet huma partikolarment esposti għar-riskju ta' vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru, inkluż il-fastidju ċibernetiku⁴¹, filwaqt li t-tfal b'diżabilità huma partikolarment esposti għall-bullying u l-vjolenza ċibernetiċi⁴².

⁴¹ Sala, A., Porcaro, L. Gomez, E., "Social Media Use and adolescents' mental health and well-being: An umbrella overview", Computers in Human Behavior Reports, Marzu 2024, <https://doi.org/10.1016/j.chbr.2024.100404>.

⁴² Barringer-Brown, Ch., "Cyber bullying among Students with Serious Emotional and Specific Learning Disabilities", Journal of Education and Human Development, Ġunju 2015, Vol. 4, Nru. 2(1), <https://jehdnet.com/vol-4-no-2-1-june-2015-abstract-4-jehd/>.

26. F'termini ta' mġiba, jekk jingħata aċċess għat-teknoloġiji diġitali lit-tfal ta' età żgħira, jew kmieni wisq, jew b'mod mhux gradwali jew mingħajr superviżjoni xierqa, dan jista' jxekkel l-iżvilupp konjittiv u mentali tagħhom⁴³, filwaqt li l-użu ħażin jew l-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali minn tfal fl-età tal-iskola u minn adolexxenti jista' jwassal għal problemi mentali, pereżempju billi jillimita l-interazzjonijiet soċjali offline⁴⁴, iwassal għal iżolament soċjali⁴⁵ u solitudni⁴⁶, iħalli effett negattiv fuq il-kapaċitajiet konjittivi⁴⁷, jiffurma disturb relatat mal-logħob⁴⁸ jew jittrasforma b'dipendenza tal-imġiba⁴⁹.

⁴³ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa., Guidelines on physical activity, sedentary behaviour and sleep for children under 5 years of age, Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2019, <https://iris.who.int/handle/10665/311664>.

⁴⁴ Mental Health Europe, "Report on Digitalisation in Mental Health, Mental health in the digital age: Applying a human rights based, psychosocial approach as compass", Diċembru 2022, <https://www.mhe-sme.org/wp-content/uploads/2023/01/Mental-health-in-the-digital-age-Applying-a-human-rights-based-psychosocial-approach-as-compass.pdf>.

⁴⁵ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, infografika tad-WHO "Social isolation and loneliness affect people of all ages, worldwide", sit tad-WGO, 15 ta' Novembru 2023, aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025. <https://www.who.int/multi-media/details/social-isolation-and-loneliness-affect-people-of-all-ages--worldwide>.

⁴⁶ Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) (2024): Stħarriġ tal-UE dwar is-Solitudni. Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) [Sett tad-data] PID: <http://data.europa.eu/89h/82e60986-9987-4610-ab4a-84f0f5a9193b>.

⁴⁷ Small, G. W., Lee, J., Kaufman, A., Jalil, J., Siddarth, P. et al., "Brain health consequences of digital technology use", Dialogues in clinical neuroscience, Vol. 22, Hargha 2, 2020, pp. 179–187, <https://doi.org/10.31887/DCNS.2020.22.2/gsmall>.

⁴⁸ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, sit, aċċessat fil-15 ta' April 2025, <https://www.who.int/standards/classifications/frequently-asked-questions/gaming-disorder>.

⁴⁹ L-użu ħażin u l-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali, speċjalment il-media soċjali, jixbhu xejra ta' mġiba kkaratterizzata minn sintomi simili għal dawk ta' dipendenza, fosthom in-nuqqas ta' kapaċità li dak li jkun jikkontrolla l-użu, li jesperjenza astinenza meta ma jużax tali teknoloġiji, li jittraskura attivitajiet oħra biex minflok juża t-teknoloġiji diġitali, u li jiffaċċa konsegwenzi negattivi fil-ħajja ta' kuljum minħabba l-użu eċċessiv. Ara aktar hawn: L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, "Teens, screens and mental health", sit tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 25 ta' Settembru 2024, aċċessat fl-20 ta' Jannar 2025, <https://www.who.int/europe/news-room/25-09-2024-teens--screens-and-mental-health>.

27. L-użu ħażin jew l-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali mit-tfal u l-adolessenti jista' jkollu wkoll impatt negattiv fuq is-saħħa fiżika tagħhom, pereżempju billi jirriżulta f'inqas attività fiżika⁵⁰, jikkontribwixxi għall-formazzjoni jew l-aggravazzjoni ta' stil ta' ħajja sedentarja kif ukoll drawwiet ħżiena tal-ikel, li t-tnejn jistgħu jwasslu għal obeżità⁵¹, problemi bl-irqad⁵², jikkawżaw problemi fil-vista (speċjalment il-mijopija), jew iwasslu għall-iżvilupp ta' disturbi muskuloskeletal⁵³. Hemm ukoll ir-riskju li dawn il-fatturi kollha jaggravaw is-saħħa mentali u l-benesseri ġenerali.
28. Ambjenti fejn l-apparati diġitali jintużaw b'mod eċċessiv mill-ġenituri, l-edukaturi jew l-indoktraturi tat-tfal u tal-adolessenti jistgħu jwasslu għal interruzzjoni bbażata fuq it-teknoloġija fil-formazzjoni ta' interazzjonijiet xierqa bejn l-adulti u t-tfal (teknoferenza) u jfixxlu l-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja, li huma essenzjali għall-benesseri mentali⁵⁴.

⁵⁰ Kardefelt-Winther, D., Rees, G., & Livingstone, S., "Contextualising the link between adolescents' use of digital technology and their mental health: a multi-country study of time spent online and life satisfaction", *Journal of child psychology and psychiatry, and allied disciplines*, Vol. 61, Harga 8, 2020, pp. 875–889, <https://doi.org/10.1111/jcpp.13280>.

⁵¹ Drawwiet ħżiena tal-ikel jistgħu jirriżultaw fl-iżvilupp ta' dislipidemiji u dijabete kif ukoll fil-formazzjoni ta' piż żejjed u obeżità. Ara aktar hawn: Aghasi, M., Matinfar, A., Golzarand, M., Salari- Moghaddam, A., & Ebrahimpour-Koujan, S., "Internet Use in Relation to Overweight and Obesity: A Systematic Review and Meta-Analysis of Cross-Sectional Studies", *Advances in nutrition*, Vol. 11, Ħarġa 2, 2020, pp. 349–356, <https://doi.org/10.1093/advances/nmz073>.

⁵² L-irqad huwa fattur kruċjali għas-saħħa mentali, u wieħed mill-effetti negattivi primarji tal-użu tat-teknoloġiji diġitali fost it-tfal u l-adolessenti huwa ħin iqsar tal-irqad u kwalità aktar baxxa tal-irqad. Ara aktar hawn: Stanković, M., Nesic, M., Cicevic, S., & Shi, Z., "Association of smartphone use with depression, anxiety, stress, sleep quality, and internet addiction. Empirical evidence from a smartphone application", *Personality and Individual Differences*, Vol. 168, Jannar 2021, <https://doi.org/10.1016/j.paid.2020.110342>.

⁵³ Tereshchenko S., Kasparov E., Manchuk V., Evert L., Zaitseva O. et al., "Recurrent pain symptoms among adolescents with generalized and specific problematic internet use: A large-scale cross- sectional study", *Computers in Human Behavior Reports*, Vol. 16, Dicembru 2024, <https://doi.org/10.1016/j.chbr.2024.100506>.

⁵⁴ McDaniel, B.T., Radesky, J. S., "Technoference: Parent Distraction with Technology and Associations with Child Behavior Problems", *Child Development*, Vol. 89(1), Mejju 2017, <https://doi.org/10.1111/cdev.12822>.

29. Fir-rigward tal-kontenut li qed jarawh it-tfal u l-adolexxenti, tista' ssir distinzjoni bejn żewġ kategoriji. L-ewwel waħda hija l-kwalità tal-kontenut ippreżentat fil-media soċjali u pjattaformi simili, li jista' jkun xieraq għall-età, iżda minħabba kif effettivament jitwassal (eż. il-frekwenza li biha jintwera lill-utenti) u minħabba karatteristiċi partikolari tad-disinn li l-għan tagħhom huwa li jżidu l-involviment tal-utenti, dan jista' jkollu impatt negattiv fuq l-awtostima³² jew il-fiduċja tal-utenti fihom infushom, iżid il-livelli ta' stress u ansjetà⁵⁵, iwassal għall-iżvilupp jew l-aggravar ta' disturbi mentali bħad-dipressjoni⁵⁶, disturbi fl-imġiba bħal iperattività/nuqqas ta' attenzjoni⁵⁷ u jikkontribwixxi għall-formazzjoni ta' immaġni negattiva tal-ġisem u l-iżvilupp ta' disturbi alimentari⁵⁸.

⁵⁵ Karim, F., Oyewande, A. A., Abdalla, L. F., Chaudhry Ehsanullah, R., & Khan, S., "Social Media Use and Its Connection to Mental Health: A Systematic Review", *Cureus*, Vol. 12, Hargha 6, 2020, <https://doi.org/10.7759/cureus.8627>.

⁵⁶ Ma, L., Evans, B., Kleppang, A. L., & Hagquist, C., "The association between screen time and reported depressive symptoms among adolescents in Sweden", *Family practice*, Vol. 38, Hargha 6, 2021, pp. 773–779, <https://doi.org/10.1093/fampra/cmab029>.

⁵⁷ Il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, "Child and adolescent mental health. The State of Children in the European Union 2024", Dokument ta' sintesi nru 2, Frar 2024, https://www.unicef.org/eu/media/2806/file/Child_and_adolescent_mental_health_policy_brief.pdf.pdf.

⁵⁸ Marks, R. J., De Foe A. & Collett J., "The pursuit of wellness: Social media, body image and eating disorders", *Children and youth services review*, Vol. 119, 2020, <https://doi.org/10.1016/j.childyouth.2020.105659>.

It-tieni tip ta' kontenut huwa kontenut mhux xieraq, li jirreferi għal sitwazzjonijiet li fihom it-tfal u l-adolessenti jiġu esposti għal kontenut li jagħmel ħsara bħal vjolenza (bullying ċibernetiku u fastidju ċibernetiku)⁵⁹ u vjolenza estrema, materjal sesswali (pornografija)⁶⁰, miżinformazzjoni u diżinformazzjoni (inkluż immaġnijiet, vidjos jew awdjo ġġenerati mill-IA jew "deepfakes")⁶¹, diskors ta' mibegħda⁶², komunikazzjoni kummerċjali u mhux kummerċjali jew promozzjoni tal-użu ta' ikel u xorb mhux tajbin għas-saħħa, alkoħol, tabakk u prodotti simili¹⁴, jew sustanzi li huma pprojbiti (droga)¹³.

30. Id-disinn ta' prodott diġitali għandu rwol kruċjali fuq kif jissawru l-esperjenzi u l-imġiba tal-utenti, b'mod partikolari għat-tfal u l-adolessenti. Disinn maħsub sew jista' jippromwovi l-faċilità tal-użu, is-sikurezza u l-privatezza, filwaqt li għażliet ta' disinn problematiċi jistgħu jesponu lill-utenti għal riskji li jħallu impatt fuq il-benesseri u s-saħħa mentali tagħhom. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġi żgurat esponiment għal firxa diversifikata ta' kontenut biex jiġi evitat li l-utenti jinqabdu fi bżieżaq algoritmiċi li jsaħħu l-istess perspettivi, u potenzjalment jaggravaw l-ansjetà, l-iżolament, jew perċezzjonijiet dwarhom infushom li jistgħu jikkawżaw ħsara, speċjalment fost it-tfal u l-adolessenti. Barra minn hekk, prattiki ta' disinn qarrieqa, li jiżgwidaw u li jagħmlu ħsara bħad-dark patterns, li jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet u jimmanipulaw l-imġiba, disinji li joħolqu dipendenza u li huma manipulattivi, li jiffukaw fuq li jżommu l-utenti filwaqt li jħeġġu interazzjoni estensiva (autoplay, skrolljar infinit, streaks, notifikazzjoni, loot boxes u suġġerimenti dwar "opportunitajiet li jistgħu jintilfu"), u tekniki ta' personalizzazzjoni qarrieqa (algoritmi), li jistgħu jiġu aggravati minn mudelli kummerċjali malizzjużi, governanza korporattiva fqira u għażliet kummerċjali ħżiena, iwasslu għall-isfruttament tat-tfal u tal-adolessenti fid-dinja diġitali.

⁵⁹ Jinkludu l-vjolenza fatali, l-abbuż, il-mewt, il-ħsara ta' persuna fuqha nnifisha u s-suwiċidju.

⁶⁰ Raine, G., Khouja, C., Scott, R., Wright, K., Sowden, A. J., "Pornography use and sexting amongst children and young people: a systematic overview of reviews", Systematic Reviews, Vol. 9, 2020, <https://doi.org/10.1186/s13643-020-01541-0>.

⁶¹ Pilgrim, J., & Vasinda, S., "Fake News and the "Wild Wide Web": A Study of Elementary Students' Reliability Reasoning", Societies, Vol. 11, Hargha 4, 2021, <https://doi.org/10.3390/soc11040121>.

⁶² Kansok-Dusche, J., Ballaschk, C., Krause, N., ZeiBig, A., Seemann-Herz, L., et al., "A Systematic Review on Hate Speech among Children and Adolescents: Definitions, Prevalence, and Overlap with Related Phenomena. Trauma, Violence, & Abuse", Vol. 24, Hargha 4, 2023, pp. 2598-2615, <https://journals.sagepub.com/doi/10.1177/15248380221108070>.

31. Il-popolazzjoni tat-tfal u l-adolessenti ma tikkostitwix grupp omoġenju. Filwaqt li fatturi bħall-generu⁶³, l-isfond edukattiv u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi⁶⁴ jaqdu rwol sinifikanti fis-saħħa mentali tat-tfal u l-adolessenti, jidher li l-età⁶⁵ hija l-aktar fattur importanti fejn jidħol l-ippjanar ta' strateġiji għal interventi kontra l-impatt negattiv tal-użu ħażin jew l-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali fuq is-saħħa mentali tagħhom.

⁶³ Twenge, J. M., Haidt, J., Lozano, J., & Cummins, K. M., "Specification curve analysis shows that social media use is linked to poor mental health, especially among girls", *Acta Psychologica*, Volum 224, 2022, 103512, <https://doi.org/10.1016/j.actpsy.2022.103512>.

⁶⁴ Il-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, "Digital technologies, child rights and well-being. The state of children in the European Union 2024", Dokument ta' sintesi nru 4, UNICEF, Frar 2024, <https://www.unicef.org/eu/media/2586/file/Digital%20technologies%20policy%20brief.pdf>.

⁶⁵ Holly, L., Demaio, S., & Kickbusch, I., "Public health interventions to address digital determinants of children's health and wellbeing", *The Lancet Public Health*, Vol. 9, Hargha 9, 2024, pp. e700-e704, [https://doi.org/10.1016/S2468-2667\(24\)00180-4](https://doi.org/10.1016/S2468-2667(24)00180-4).

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

32. L-Ewropa qed tesperjenza deterjorament fis-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolessenti², u għaldaqstant jeħtieġ li jiġi żvilupp b'mod urġenti approċċ kuraġġuż, multidimensjonali u li jħares 'il quddiem, li jindirizza l-kawżi bażiċi kumplessi, ibbażat sew fuq l-evidenza xjentifika u fuq riċerka multidixxiplinari, u rinfurzat permezz ta' kooperazzjoni msaħħa u kondivizzjoni tal-aħjar Prattiki madwar l-Ewropa biex jiġi żgurat ġejjieni aktar san kemm għall-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll għal dawk futuri⁶⁶.
33. Meta tiġi indirizzata s-saħħa mentali tat-tfal u l-adolessenti, għandha ssir enfasi ugħwali fuq il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja san u ambjenti sani⁶⁷ li jrawmu s-saħħa mentali u l-benesseri ġenerali, fuq azzjonijiet preventivi, diretti b'mod partikolari lejn it-tfal u l-adolessenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u fuq l-ġħoti ta' għajnuna u apoġġ psikoloġiku u psikjatriku fejn meħtieġ.
34. L-evidenza tal-korrelazzjoni pożittiva bejn l-eżerċizzju fiżiku (inkluż l-attivitajiet fuq barra), is-saħħa mentali u l-proċessi konjittivi⁶⁸ tenfasizza l-fatt li l-attività fiżika hija wieħed mill-aktar fatturi importanti u effettivi biex jinżammu kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali matul il-ħajja kollha³⁶. L-iżvilupp tal-ħiliet psikosoċjali tat-tfal minn età bikrija huwa wkoll essenzjali biex jiġu meġħjuna jadottaw imġiba li tappoġġa s-saħħa mentali u fiżika tagħhom matul ħajjithom kollha, u hekk jiġi prevenut l-użu ħażin tal-ġħodod diġitali aktar tard.

⁶⁶ Huwa kruċjali li f'din il-ħidma jiġu involuti partijiet ikkonċernati differenti: ġenituri, indokraturi, edukaturi, dawk li jfasslu l-politika, xjenzati, professjonisti tas-saħħa mentali u fornituri tat-teknoloġija. Ara aktar hawn: Forum Ekonomiku Dinji, "World Mental Health Day: How to safeguard children's mental wellbeing in the digital era", sit web tal-Forum Ekonomiku Dinji, 10.10.2023, aċċessat fil-21 ta' Jannar 2025, <https://www.weforum.org/stories/2023/10/world-mental-health-day-how-to-safeguard-childrens-mental-well-being-in-the-digital-era/>.

⁶⁷ Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, "Health Promotion", sit web tad-WHO, aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025, <https://www.who.int/teams/health-promotion/enhanced-wellbeing/first-global-conference/actions>.

⁶⁸ Cosma A., Abdrakhmanova S., Taut D., Schrijvers K., Catunda C., Schnohr C., "A focus on adolescent mental health and wellbeing in Europe, central Asia and Canada. Health Behaviour in School-Aged Children. International report from the 2021/2022 survey". Volum 1, Copenhagen, Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa (2023), accessat fl-20 ta' Frar 2025, <https://iris.who.int/handle/10665/373201>.

35. Dieta sana, attività fiżika regolari, u rqad ta' kwalità tajba, flimkien ma' bilanċ bejn il-mistrieħ u l-attività huma vitali biex it-tfal jiżviluppaw kompletament fiżikament u mentalment; barra minn hekk, is-soċjalizzazzjoni mal-pari, il-parteciċipazzjoni kulturali, attivitajiet kreattivi, ħin għal-logħob liberu, ambjenti stimulanti u ħin imqatta' fin-natura jista' jkollhom impatt pożittiv fuq is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolesxenti għax jgħinuhom jibnu l-awtostima tagħhom u jaċċettaw lilhom infushom, isahħulhom il-fiduċja fihom infushom u l-apprezzament tagħhom infushom²².
36. L-użu tat-teknoloġiji diġitali mit-tfal u l-adolesxenti huwa parti essenzjali minn kunċett usa' tal-prevenzjoni ta' mgħiba ta' riskju u l-istrateġiji ta' prevenzjoni fil-livell nazzjonali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

37. JIŻVILUPPAW u JIPPROWVOVU komunikazzjoni u kampanji mmirati biex titqajjem kuxjenza fis-soċjetà kollha, b'enfasi partikolari fuq il-ġenituri, l-indoktraturi u l-edukaturi, dwar il-benefiċċji li jidmaw ma jingħata aċċess għat-teknoloġiji diġitali lit-tfal iżgħar fl-età sa età speċifikata u, wara, dwar l-organizzazzjoni ta' introduzzjoni gradwali u sorveljata għal użu sikur, b'enfasi fuq l-impatt pożittiv ta' dan l-approċċ fuq l-iżvilupp konjittiv u psikoloġiku tat-tfal iżgħar fl-età^{69,70}.

⁶⁹ L-età minn meta t-tfal jibdew jużaw it-teknoloġiji diġitali qed tonqos il-ħin kollu. Statistika Żvediża mill-2019 turi li 16 % ta' tfal ta' sena raw videoclips (eż. YouTube) għal mill-inqas siegħa kuljum. Ara aktar hawn: Swedish Media Council, Nutley, S., & Thorell, L., "Digital media and mental health problems in children and adolescents. A research overview", 2022, https://mediemyndigheten.se/globalassets/rapporter-och-analyser/2022/digital-media-and-mental-health-problems-in-children-and-adolescents_tillganglighetsanpassad.pdf.

⁷⁰ Ir-riskji u l-konsegwenzi negattivi possibbli assoċjati meta dan l-aċċess jingħata kmieni wisq, mhux gradwalment jew mingħajr superviżjoni xierqa, għandhom jiġu ppreżentati wkoll.

38. JIŻVILUPPAW, JIPPROMWOVU u JOFFRU diversi metodi offline biex jittieħed ħsieb tat-tfal żgħar fl-età, jiġu edukati u intrattenuti, b'enfasi fuq attivitajiet li jrawmu l-iżvilupp konjittiv, emozzjonali u soċjali, bħal logħob interattiv, attivitajiet fuq barra u ħin mal-familja u l-ħbieb, u espressjoni kreattiva permezz ta' alternattivi interessanti u mhux diġitali. Dawn l-alternattivi jistgħu jinkludu l-iżvilupp ta' spazji pubbliċi urbani u rurali attraenti li jagħtu lok għal attivitajiet mingħajr skrins, bħal spazji hodur u żoni rikreattivi, libreriji, hubs kulturali, u infrastruttura inklużiva u aċċessibbli għat-tfal kollha. Dawk l-isforzi jistgħu jappoġġaw approċċ bilanċjat għall-iżvilupp fit-tfulija bikrija filwaqt li jnaqqsu d-dipendenza fuq it-teknoloġiji diġitali⁷¹.
39. JIPPROMWOVU azzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza biex jitnaqqas l-użu ħażin jew l-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali fost it-tfal fl-età tal-iskola, biex jiġi appoġġat il-benesseri konjittiv u emottiv tagħhom, u JIMMIRAW li dawk l-azzjonijiet ma jindirizzawx biss r-restrizzjonijiet fuq l-użu tat-teknoloġiji diġitali mit-tfal iżda prinċipalment jgħallmuhom kif jużaw it-teknoloġiji diġitali b'mod responsabbli. Barra minn hekk, fit-tfassil ta' azzjonijiet bħal dawn, għandha tiġi enfasizzata l-importanza li l-iġjene diġitali⁷² tinżamm mill-membri kollha tal-familja, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-immudellar ta' xejriet ta' mġiba sani huwa għodda ta' taġlim b'saħħitha u effettiva⁷³.

⁷¹ Raustorp, A., & Fröberg, A., "Comparisons of pedometer-determined weekday physical activity among Swedish school children and adolescents in 2000 and 2017 showed the highest reductions in adolescents", *Acta paediatrica*, Vol. 108, Hargá 7, 2019, pp. 1303–1310, <https://doi.org/10.1111/apa.14678>.

⁷² It-terminu "iġjene diġitali" jirreferi għall-bilanċ san ta' attivitajiet diġitali u mhux diġitali fil-ħajja ta' kuljum, b'attenzjoni l-aktar fuq prattiki ta' mġiba bħat-tnaqqis tal-ħin fuq l-iskrin u l-ġestjoni effettiva tiegħu kif ukoll it-titjib tas-sikurezza online.

⁷³ Konca, A. S., "Digital Technology Usage of Young Children: Screen Time and Families", *Early Childhood Education Journal*, Vol. 50, 2021, pp. 1097–1108, <https://doi.org/10.1007/s10643-021-01245-7>.

40. JIRRIKONOXU r-rwol kritiku li l-edukazzjoni skolastika interdixxiplinari għandha fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja sani, il-litteriżmu fis-saħħa mentali, il-litteriżmu fil-media u diġitali, kif ukoll l-iġjene diġitali, filwaqt li jsaħħu l-kompetenzi tal-istudenti u tal-edukaturi, u JQISU li jimplimentaw ambjenti fi ħdan ambjenti edukattivi li jkunu ħielsa minn apparati diġitali personali biex jiġu appoġġati dawk l-oġġettivi⁷⁴ jew, meta l-apparat diġitali personali jkun neċessarju, JIMPLIMENTAW regoli li jappoġġaw l-oġġettiv li jiġi limitat l-użu diġitali, filwaqt li jintesiex id-dritt tat-tfal għal skonnessjoni.
41. JIKKUNSIDRAW isegwu politiki preventivi li jimmaniġġaw u jirregolaw ulterjorment l-aċċess minn tfal fl-età tal-iskola għat-teknoloġiji diġitali, u b'hekk jimminimizzaw ir-riskju ta' ħsara, inkluż billi jsaħħu proċessi ta' verifika tal-età preċiżi, affidabbli, robusti u li jippreżervaw il-privatezza, fejn xieraq, proporzjonat u applikabbli⁷⁵, biex it-tfal jiġu protetti minn prattiki ta' disinn li joħolqu dipendenza bħal disinji qarrieqa, arkitettura manipulattiva tal-għażla online, logħob tal-azzard online u logħob tal-azzard fil-logħob, kif ukoll minn tekniki personalizzati aggressivi ta' persważjoni, u JINSISTU li l-fornituri tal-pjattaformi diġitali u negozji diġitali oħra jerfgħu responsabbiltà sinifikanti għad-disinn tagħhom u għall-kontenut li jospitaw.

⁷⁴ FI-2023, l-UNESCO appellat għal projbizzjoni fuq l-ismartphones fil-klassijiet. Ara aktar hawn: Tim tar-Rapport Dinji ta' Monitoraġġ dwar l-Edukazzjoni, "Global education monitoring report, 2023: technology in education: a tool on whose terms?", UNESCO, Pariġi, 2023, <https://doi.org/10.54676/UZQV8501>. Barra minn hekk, teżisti evidenza dejjem tikber tal-benefiċċji ta' ambjenti ħielsa minn apparati diġitali. Ara aktar hawn: Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Awstralja t'Isfel, "Behaviour improves as a result of mobile phone ban", 2 ta' Marzu 2025, aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025, <https://www.education.sa.gov.au/department/media-centre/our-news/behaviour-improves-as-a-result-of-mobile-phone-ban>.

⁷⁵ Ara pereżempju "zero knowledge proof based age verification processes" jew l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea: Task Force għall-Verifika tal-Età; <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/digital-services-act-task-force-age-verification-0>.

42. JISTINKAW biex itaffu l-konsegwenzi negattivi tal-użu ħażin jew eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali fost il-popolazzjoni adolexxenti⁷⁶, b'mod partikolari billi jqajmu kuxjenza fost l-adolexxenti dwar ir-regolamenti u l-liġijiet imfassla biex jgħolqu ambjent online aktar sikur, u billi jagħmlu sforzi biex jeducawhom dwar il-litteriżmu fil-media u diġitali u dwar kif jipproteġu lilhom infushom, inkluż kif jipproteġu s-saħħa mentali tagħhom, fid-dinja diġitali, permezz ta' għodod disponibbli bħall-flagging ta' kontenut li jagħmel ħsara, ir-rapportar ta' mġiba mhux xierqa u l-użu ta' linji telefoniċi għall-għajnuna.
43. IFASSLU jew JIPROMWOVU, skont il-każ, kampanji ta' informazzjoni li jenfasizzaw ir-riskji u l-perikli tad-dinja diġitali u l-impatt negattiv potenzjali tagħhom fuq is-saħħa mentali tal-adolexxenti, b'kunsiderazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru, u inkluż daww f'riskju ta' diskriminazzjoni, bullying ċibernetiku, ksur tal-privatezza, użu ħażin marbut ma' disinji li jgħolqu dipendenza u esponiment għal kontenut li jagħmel ħsara.
44. JISTIMULAW, JESPANDU jew JKOMPLU kampanji ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet ibbażati fl-iskola, programmi ekstrakurrikulari u għodod xierqa oħra eżistenti li jipromwovu stil ta' ħajja san, inkluż permezz tal-attività fiżika, dieta bilanċjata u rqad suffiċjenti, u jrawmu l-iżvilupp ta' ħliet interpersonali, soċjali, emottivi u ta' reżiljenza biex jiġu ġestiti b'mod effettiv l-istress, l-ansjetà, ir-rabja, u l-frustrazzjoni fost il-popolazzjoni adolexxenti.

⁷⁶ 73 % tal-adolexxenti li għandhom bejn 17 u 18-il sena rrapportaw li minħabba l-użu tagħhom tal-media diġitali jaslu biex jittraskuraw attivitajiet li l-evidenza turi li għandhom effetti pożittivi fuq is-saħħa mentali bħall-irqad, l-eżerċizzju u x-xogħol skolastiku fuq bażi ta' kull ġimgħa. Ara aktar hawn: Swedish Media Council, Nutley, S., & Thorell, L., "Digital media and mental health problems in children and adolescents. A research overview", 2022, https://mediamyndigheten.se/globalassets/rapporter-och-analyser/2022/digital-media-and-mental-health-problems-in-children-and-adolescents_tillganglighetsanpassad.pdf.

45. JIŻVILUPPAW jew ITEJBU infrastrutturi soċjali aċċessibbli u attraenti għat-tfal u għall-adolexxenti bħala alternattiva għall-iskrins, b'enfasi fuq it-tnaqqis jew il-limitazzjoni tal-kundizzjonijiet li jagħmlu ħsara, b'aktar rigoriżità fil-kontroll ta' daww iċ-ċirkostanzi ta' ambjenti diġitali li jistgħu jiġġeneraw ħsara u jwasslu għal dipendenzi.
46. JIŻVILUPPAW politiki u azzjonijiet konġunti biex jipromwovu l-użu responsabbli tat-teknoloġiji diġitali, speċjalment il-media soċjali, u JADVOKAW għal użu bilanċjat sew tal-logħob tal-azzard biex jiġi evitat l-użu kompulsiv u jittaffa l-impatt negattiv tiegħu fuq il-ħajja ta' kuljum fost it-tfal u l-adolexxenti fl-età tal-iskola².
47. JISTABBILIXXU inizjattivi biex jiġġieldu l-isfruttament sesswali u s-sistemi tal-prostituzzjoni online billi jtejbu l-mekkaniżmi ta' rapportar u jniedu kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jgħinu lit-tfal, lill-adolexxenti, lill-ġenituri u lill-indoktraturi jirrikonoxxu u jwieġbu għal dan it-theddid billi jagħmlu l-aħjar użu mill-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT)⁷⁷.
48. JIŻGURAW li l-istrateġiji, il-kampanji ta' informazzjoni u l-programmi kollha ppjanati u żviluppati jkunu adatti għall-età, aċċessibbli u favorevoli għar-riċevituri u li jqisu t-tfal u l-adolexxenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, sabiex jiggarrantixxu l-effettività u s-suċċess tagħhom⁶⁵ kif ukoll biex jippermettu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tagħhom.

⁷⁷ Il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) hija strument ewlieni tal-UE għal kooperazzjoni operazzjonali multidixxiplinari u b'diversi aġenziji għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fil-livell tal-UE. Ara aktar hawn: Europol, "EU Policy Cycle - EMPACT, EMPACT 2022+ Fighting crime together", aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025, <https://www.europol.europa.eu/crime-areas-and-statistics/empact>.

49. JIMPLIMENTAW jew, fejn meħtieġ, JIŻVILUPPAW u JIMPLIMENTAW programmi u inizjattivi ta' litteriżmu diġitali u fil-media mfassla apposta għall-udjenza, filwaqt li jiżguraw li dawk għat-tfal u l-adolesxenti fl-età tal-iskola jiffukaw fuq il-privatezza online, is-sigurtà diġitali, ir-rikonoxximent u l-indirizzar tal-bullying ċibernetiku, l-abbuż sesswali inkluż il-grooming, il-fehim tal-impronti diġitali u l-impatt tagħhom fuq il-futur tat-tfal, il-ġestjoni effettiva tal-ħin quddiem l-iskrin, l-identifikazzjoni tad-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni u l-bini tar-reżiljenza għalih u t-tnejn għalih, it-trawwim tal-ħiliet soċjali u emottivi, il-fehim tal-prattiki tar-reklamar u l-mudell tan-negozju tad-dinja online xprunata mill-profitti, kif ukoll il-mekkaniżmi tal-algoritmi u n-natura tal-ħolqien tal-kontenut fuq il-pjattaformi tal-media soċjali, il-promozzjoni tal-ħsieb kritiku u l-interazzjoni mad-dinja online u t-teħid infurmat ta' deċiżjonijiet online.
50. JIŻGURAW li l-programmi u l-inizjattivi tal-litteriżmu diġitali u fil-media joħolqu wkoll sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji possibbli assoċjati mal-kontenut iġġenerat mill-IA, id-dinjiet virtwali⁷⁸ u l-manipulazzjoni konjittiva. Dawk il-programmi u l-inizjattivi għandhom jipprovdu lit-tfal u lill-adolesxenti fl-età tal-iskola b'informazzjoni dwar is-sett varjat ta' riskji marbuta mal-IA, inkluż ir-riskji emerġenti relatati mal-iżvilupp ta' relazzjonijiet ma' aġenti tal-IA, u d-dipendenza emozzjonali fuqhom, u jipprovduhom bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex jagħrfu u jivvalutaw b'mod kritiku l-influwenza tal-media mtejbja bl-IA, bħal deepfakes, immaġnijiet, videos jew ħoss manipolati u algoritmi preġudikati, kif ukoll jenfasizzaw li l-użu ħażin tal-IA jista' jbidel ir-realtà, jagħti forma lill-perċezzjonijiet, jappoġġa t-tixrid rapidu tad-diżinformazzjoni, iżid is-suxxettibbiltà għall-manipulazzjoni u jinfluwenza t-teħid tad-deċiżjonijiet b'modi dannużi. Dawn il-programmi u l-inizjattivi għandhom ikollhom ukoll taħt il-mira tagħhom l-użu etiku u responsabbli tat-teknoloġiji tal-IA u jeducaw lit-tfal u lill-adolesxenti dwar l-użu xieraq tal-IA għal skopijiet edukattivi.

⁷⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss, COM(2023) 442, 11.07.2023, Strażburgu, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52023DC0442>.

51. JIŻGURAW li l-aċċess għall-programmi u l-inizjattivi tal-litteriżmu diġitali u fil-media mfassla għall-adulti (eż. il-ġenituri, l-indokraturi, l-edukaturi u l-avukati) ikun faċli għal kulħadd, inkluż għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u li dawn jinkludu linji gwida prattiċi dwar l-iġjene diġitali, l-użu xieraq skont l-età ta' tipi differenti ta' media soċjali, u dwar l-użu ta' karatteristiċi tekniċi eżistenti u aġġornati tat-teknoloġiji diġitali, bħall-kontrolli mill-ġenituri, it-traċċar tal-użu, il-ġestjoni tan-notifiki u l-issettjar ta' limiti fuq il-ħin, kif ukoll suġġerimenti biex jiġu evitati r-riskji u għarfien dwar kif għandhom jintgħarfu s-sinjali ta' distress, problemi ta' saħħa mentali u s-sintomi ta' dipendenza diġitali fost it-tfal u l-adolessenti, b'pariri dwar x'għandu jagħmel ġenitur/indukatur. Dawk il-linji gwida għandhom jinfurmaw ukoll lill-adulti dwar ir-riskji li t-tfal u l-adolessenti jħabbtu wiċċhom magħhom meta jkunu online, pereżempju r-riskju ta' abbuż sesswali tat-tfal online (rikonoxximent u evitar) flimkien mar-riskji assoċjati mal-attivitàjiet tagħhom stess, pereżempju ppowstjar żejjed ta' kontenut li jikkonċerna t-tfal fl-ambjent tagħhom ("sharenting") kif ukoll kif jirrapportaw kontenut dannuż (eż. hotlines, pulizija).
52. JIŻGURAW li t-tipi kollha ta' programmi u inizjattivi dwar il-litteriżmu diġitali u fil-media jiġu aġġornati regolarment biex jibqgħu rilevanti u effettivi fid-dawl tal-pass mgħaġġel tat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet tagħna, inkluż l-introduzzjoni kontinwa ta' għodod diġitali u applikazzjonijiet online u l-evoluzzjoni tagħhom maż-żmien.
53. JIPPROVDU aċċess għal servizzi u trattamenti professjonali u bbażati fuq l-evidenza, inkluż konsulenza psikoloġika u psikosoċjali, assistenza legali, servizzi bejn il-pari, pereżempju esperti bl-esperjenza, u appoġġ għas-sikurezza diġitali, għat-tfal u l-adolessenti kollha, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, li esperjenzaw ħsara online jew li jippreżentaw sintomi ta' użu kompulsiv tal-użu tal-media diġitali jew użu simili għal dipendenza fuqhom.

54. IQISU l-użu ta' korpi konsultattivi interdixxiplinari li jinkludu avukati tad-drittijiet tat-tfal u esperti fl-oqsma tan-newrobijoloġija, il-psikoloġija, il-psikjatrija, ix-xjenza tad-dipendenza, l-etika tal-IA, il-promozzjoni tas-saħħa mentali, l-iżvilupp tat-tfal u t-teknoloġiji diġitali, sabiex jipprovdu gwida infurmata, jappoġġaw il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-ambjent diġitali jagħtu prijorità lill-interessi, il-benesseri mentali u s-sikurezza tat-tfal u tal-adolessenti.
55. IĦEĠĠU l-introduzzjoni ta' proċessi parteċipattivi li jippermettu lit-tfal u lill-adolessenti jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar id-drawwiet diġitali tagħhom.
56. JIFFUKAW fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost il-familji, l-iskejjel, l-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra involuti fil-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolessenti fid-dinja diġitali u l-promozzjoni ta' użu bbilanċjat tal-media diġitali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI:

57. JIMMAPPJAW il-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi eżistenti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali sabiex jiġu żviluppati standards Ewropej uniformi u għolja għall-pariri mogħtija lill-ġenituri, lill-indoktraturi u lill-edukaturi dwar l-iġjene diġitali u għall-użu xieraq skont l-età tal-media soċjali biex jiġi indirizzat l-impatt negattiv tal-użu ħażin jew tal-użu eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali fuq is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolessenti.

58. JAPPOĠĠAW it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jissalvagwardjaw il-benesseri u s-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fid-dinja diġitali u JIPPROMWOVU l-ġbir u l-iskambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda fost l-Istati Membri⁷⁹, filwaqt li jibnu fuq l-attivitajiet iffaċilitati mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI)⁸⁰, dwar miżuri effettivi għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tal-użu ħażin jew eċċessiv tat-teknoloġiji diġitali fuq is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolexxenti.
59. JIPPROMWOVU stili ta' ħajja sani fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'enfasi fuq approċċ ibbilanċjat, inkluż metodi ta' tagħlim u divertiment kemm online kif ukoll offline għat-tfal u l-adolexxenti, bħall-parteċipazzjoni f'attivitajiet fiżiċi u kulturali, il-qari tal-kotba u l-moġhdija ta' ħin ta' kwalità mal-familja u l-ħbieb.
60. JAPPELLAW lill-fornituri tas-servizzi intermedjarji online biex jikkonformaw mar-responsabbiltajiet tagħhom biex joħolqu ambjent online sikur għall-minorenni, bħal daww skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, pereżempju. Dan jinkludi t-teħid ta' responsabbiltà korporattiva akbar għall-moderazzjoni tal-kontenut u għal kif jiġi ppreżentat fid-dinja diġitali li għandhom aċċess għaliha t-tfal u l-adolexxenti, bħall-apps, il-media soċjali, il-pjattaformi tal-istreaming, is-siti tal-logħob online u l-pornografija billi tiġi stabbilita l-protezzjoni tat-tfal mid-disinn u jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali kollha.

⁷⁹ L-aħjar prattiki jistgħu jiġu skambjati permezz tal-Portal tal-UE tal-Aħjar Prattiki dwar is-Saħħa Pubblika. Ara aktar hawn: <https://webgate.ec.europa.eu/dyna/bp-portal/submission/search>.

⁸⁰ L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) huwa programm tal-UE li jipprovdi għarfien esperti tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi. Fil-qasam tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti, ara pereżempju: "Healthier Youth - Addressing the risks of online gambling and gaming", 2024, https://reform-support.ec.europa.eu/what-we-do/health-and-long-term-care/healthier-youth-addressing-risks-online-gambling-and-gaming_en#:~:text=This%202-year%20project%20aims%20to%20reduce%20the%20risks,contributing%20to%20their%20wellbeing%20and%20improved%20mental%20health; u "Supporting mental health and care for the wellbeing of vulnerable children and young people, Child & Youth wellbeing and mental health first", 2023, https://reform-support.ec.europa.eu/what-we-do/labour-market-and-social-protection/supporting-mental-health-and-care-wellbeing-vulnerable-children-and-young-people_en.

61. JAPPELLAW lill-fornituri u lill-implimentaturi tas-sistemi tal-IA jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u ta' sigurtà billi jikkonformaw mal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, b'attenzjoni partikolari għall-impatt tas-sistemi tal-IA fuq it-tfal. Barra minn hekk, jappellaw lill-fornituri u lill-implimentaturi tas-sistemi tal-IA jieħdu miżuri u jimplimentaw salvagwardji biex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw mill-applikazzjonijiet tal-IA aċċessibbli għat-tfal jew li jħallu impatt fuqhom, inkluż permezz ta' disinn u użu sikur u etiku, u jevitaw kwalunkwe sfruttament tal-vulnerabbiltajiet tagħhom b'modi li jagħmlu ħsara.
62. JINFURZAW ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u oqfsa leġiżlattivi oħra li jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, għall-protezzjoni tat-tfal minn prattiki ta' disinn manipulattiv u li joħloq dipendenza, il-bullying ċibernetiku, l-abbuż sesswali tat-tfal, il-prattiki ta' reklutaġġ online għall-fini ta' sfruttament ulterjuri u l-ksur tal-privatezza, kontenut mhux xieraq u qarrieqi, diżinformazzjoni, ħsad intrużiv ta' informazzjoni, kummerċjalizzazzjoni online aggressiva ta' ikel u xorb mhux tajjeb għas-saħħa, standards tas-sbuħija u immaġnijiet tal-ġisem mhux realistiċi, l-alkoħol, it-tabakk u prodotti simili¹⁴, u JKOMPLU jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti rispettivi tagħhom, b'mod li jqis bis-siġħ il-ħsara potenzjali fuq is-saħħa mentali kkawżata mill-użu eċċessiv tal-media soċjali u teknoloġiji diġitali oħra, bħal pjattaformi tal-vidjo bbażati fuq l-algoritmi, ambjenti virtwali immersivi, pjattaformi tal-logħob online, u sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-kontenut, fejn applikabbli.

63. IĦEĠĠU lill-partijiet ikkonċernati tan-negozju diġitali jistabbilixxu l-konfigurazzjonijiet prestabbiliti għat-tfal fl-ogħla standards ta' sikurezza u privatezza, filwaqt li jevitaw formati u karatteristiċi li jħeġġu d-dipendenza, bħall-iskrolljar infinit jew l-użu ta' algoritmi opaki, kif ukoll jiggarantixxu kontenut adattat għall-età u spazju diġitali sikur, jaderixxu ma' proċessi ta' verifika tal-età u jinfurzawhom, fejn xieraq, proporzjonati u applikabbli, u b'mod li jirrispetta l-privatezza tal-utenti, u jqisu r-riskju sinifikanti, fis-sitwazzjoni attwali, li l-etajiet tal-biċċa l-kbira tal-utenti huma sopravalutati. Essenzjalment u speċjalment meta ma jkunx possibbli li ssir distinzjoni bejn it-tfal u l-utenti adulti, il-partijiet kummerċjalment ikkonċernati għandhom jiġu mħeġġa japplikaw dawn il-konfigurazzjonijiet prestabbiliti għall-utenti kollha biex jipprevjenu li ssir ħsara lit-tfal.
64. Taħt sorveljanza regolatorja u etika, JAPPELLAW lill-partijiet ikkonċernati tan-negozju diġitali jwettqu valutazzjonijiet trasparenti u indipendenti tal-impatt tat-teknoloġiji diġitali - u b'mod partikolari tal-karatteristiċi tad-disinn li għandhom l-għan li jżidu l-involviment tal-utenti - fuq is-saħħa mentali u fiżika tat-tfal u tal-adolesxenti, inkluż dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u biex jikkondividu d-data rilevanti għal dak l-impatt fuq is-saħħa ma' riċerkaturi indipendenti u mal-pubbliku ġenerali b'mod li jkun f'waqtu u li jipproteġi l-privatezza.

65. JAPPOĠĠAW u JIPFROMWOVU r-riċerka biex jiddokumentaw u jikkarakterizzaw aħjar ir-rabtiet bejn is-saħħa mentali u t-teknoloġiji diġitali, u l-effetti dannużi possibbli ta' tali teknoloġiji.
66. JIFFAĊILITAW appoġġ ta' finanzjament adegwat biex jipprevedu appoġġ sostenibbli kemm għar-riċerka kif ukoll għal azzjoni bbażata fuq l-evidenza f'dan il-qasam.
67. JIFFAĊILITAW l-użu effiċjenti u li jħalli impatt tal-programmi ta' finanzjament, bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-programm EU4Health, Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa. Erasmus+ jista' wkoll jappoġġa l-edukazzjoni diġitali u l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, inkluż il-litteriżmu medjatiku u diġitali, tal-istudenti kollha bil-ħsieb li jappoġġa l-inklużjoni diġitali u l-awtonomizzazzjoni tagħhom.

68. IWETTQU rieżamijiet regolari u JIPPROMWOVU l-użu ta' linji gwida dwar l-edukazzjoni diġitali (jiġifieri linji gwida għall-għalliema u l-edukaturi biex jippromwovu l-litteriżmu medjatiku u diġitali u jindirizzaw id-diżinformazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u linji gwida etiċi għall-edukaturi dwar l-użu tal-IA u tad-data fit-tagħlim u l-apprendiment) u dwar il-benesseri u s-saħħa mentali (jiġifieri linji gwida għal dawk li jfasslu l-politika u għall-edukaturi biex jippromwovu l-benesseri u s-saħħa mentali l-iskola) u jippromwovu l-użu ta' dawk il-linji gwida fil-livell nazzjonali biex titqajjem kuxjenza dwar aspetti differenti relatati mal-edukazzjoni diġitali u l-benesseri diġitali, bħar-reżiljenza diġitali u ċ-ċittadinanza digitali⁸¹.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

69. TKOMPLI timplimenta u tippromwovi l-approċċ komprensiv għas-saħħa mentali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, inkluż l-azzjonijiet u l-inizjattivi ewlenin li jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-problemi tas-saħħa mentali u dawk immirati lejn l-istabbiliment ta' spazju diġitali aktar sikur u aktar san għat-tfal u għall-adolexxenti².

⁸¹ Dan il-paragrafu jirreferi għal-linji gwida ppubblikati fl-2022 - Azzjoni 6 u Azzjoni 7 tal-Pjan għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027). Dawk il-linji gwida bħalissa qed jiġu riveduti.
Ara aktar hawn: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0624>.

70. TIŻGURA li s-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u tal-adolessenti jkomplu jingħataw prijorità fl-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u leġislazzjoni rilevanti oħra u TELABORA l-Linji Gwida previsti fl-Artikolu 28 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fil-ħin, filwaqt li tenfasizza l-bżonn li l-fornituri tas-servizzi tal-pjattaformi online joqogħdu lura minn prattiki ta' disinn li joħloq dipendenza intenzjonali mmirati lejn it-tfal, jippromwovu prattiki tad-disinn xierqa għall-età u jadottaw soluzzjonijiet ta' verifika tal-età preċiżi, affidabbli, robusti u li jħarsu l-privatezza, fejn xieraq, proporzjonati u applikabbli.
71. TIKKUNSIDRA s-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u l-adolessenti fl-evalwazzjoni li jmiss u r-rieżami possibbli tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.
72. TKOMPLI bl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' internet aħjar għat-tfal (BIK+), b'bilanċ bejn il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lit-tfal u liż-żgħażaġh online.
73. TKOMPLI timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027) biex tiżgura li ż-żgħażaġh ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u sikuri meta jkunu online u jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi diġitali biex jużaw it-teknoloġiji diġitali b'mod responsabbli, kritiku u kunfidenti.

74. TKOMPLI tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola⁸², billi tikkondividi prattiki, linji gwida u għodod prattiċi effettivi biex jgħinu lill-iskejjel u lill-edukaturi jippromwovu l-benesseri u s-saħħa mentali, f'konformità ma' approċċ skolastiku integrat mas-sistema kollha għall-benesseri u s-saħħa mentali⁸³. Dan jinkludi sforzi ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni, bl-użu sħiħ tal-għodod kollaborattivi tal-UE, il-pjattaformi online, u l-komunitajiet tal-edukazzjoni - bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, inkluż l-eTwinning⁸⁴.
75. TIKKONSULTA mal-Istati Membri dwar l-investigazzjonijiet li qed isiru madwar l-UE dwar l-impatt li l-media soċjali u l-ħin eċċessiv fuq l-iskrin qed ikollu fuq is-saħħa mentali u l-benesseri sabiex jiġi stabbilit użu pożittiv, kreattiv u bbilanċjat tat-teknoloġiji diġitali⁸⁵.

⁸² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) 2022/C 469/01 ST/14981/2022/INIT, ĠU C 469, 9.12.2022, p. 1-15,

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32022H1209%2801%29>.

⁸³ Il-Kummissjoni Ewropea, Żona Ewropea tal-Edukazzjoni - Edukazzjoni Skolastika, "Il-benesseri fl-iskola", 7 ta' Ottubru 2024, aċċessat fl-20 ta' Mejju 2025,

<https://education.ec.europa.eu/mt/education-levels/school-education/wellbeing-at-school>.

⁸⁴ Il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel hija punt ta' laqgħa għall-komunità tal-edukazzjoni skolastika - persunal tal-iskejjel, riċerkaturi, u dawk li jfasslu l-politika - biex jaqsmu aħbarijiet, intervisti, pubblikazzjonijiet, eżempji ta' prattika, korsijiet u sħab għall-proġetti tagħhom tal-Erasmus+. Il-parti tal-eTwinning tagħha hija ddedikata għall-eTwinners u l-attivitajiet tagħhom. Ara aktar hawn: <https://school-education.ec.europa.eu/en>.

⁸⁵ Hemm volum dejjem jikber ta' evidenza xjentifika li tenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm interventi biex jiġi kkontrollat l-użu fuq l-iskrin tat-tfal u tal-adolexxenti. Ara aktar hawn: Qi, J., Yan, Y. & Yin, H., "Screen time among school-aged children of age 6-14: a systematic review", Global Health Research and Policy, Volum 8, 12 (2023), <https://doi.org/10.1186/s41256-023-00297-z>; Muppalla S.K., Vuppalapati S., Reddy Pulliahgaru A., Sreenivasulu H., "Effects of Excessive Screen Time on Child Development: An Updated Review and Strategies for Management", Cureus, 18 ta' Ġunju 2023, Volum 15(6), <https://www.cureus.com/articles/162175-effects-of-excessive-screen-time-on-child-development-an-updated-review-and-strategies-for-management#!/>.

76. TIĠBOR data u għarfien permezz ta' investigazzjonijiet fl-UE kollha dwar l-impatt tal-media soċjali u l-ħin eċċessiv tal-iskrin fuq is-saħħa mentali u l-benesseri, u, abbażi tar-riżultati miksuba, TIKKUNSIDRA azzjonijiet bħat-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni jew dokument xieraq ieħor li jidentifika u jindirizza l-isfidi u r-riskji kif ukoll jiddeskrivi strateġiji għall-prevenzjoni, l-edukazzjoni u l-appoġġ sabiex jiġi stabbilit użu pożittiv, kreattiv u bbilanċjat tat-teknoloġiji diġitali u jiġi evitat u mitigat l-impatt negattiv tat-teknoloġiji diġitali fuq is-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti⁸⁶.
77. TQIS id-dimensjoni tas-saħħa mentali, inkluż azzjonijiet preventivi, in-nondiskriminazzjoni, salvagwardji effettivi, rapportar u appoġġ komprensiv, fl-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni li jmiss kontra l-bullying ċibernetiku.
78. TIŻVILUPPA gwida bbażata fuq l-evidenza, ibbażata fuq ir-riżultati tal-investigazzjoni fl-UE kollha dwar l-impatt tal-media soċjali u l-ħin eċċessiv fuq l-iskrin fuq is-saħħa mentali u l-benesseri⁸⁷, għal dawk li jfasslu l-politika, l-edukaturi, l-indoktranti u l-ġenituri fir-rigward tal-importanza tal-iġjene diġitali kif ukoll strateġiji effettivi u responsabbli għall-ġestjoni tal-ħin fuq l-iskrin (jiġifieri regoli dwar il-ħin fuq l-iskrin u t-tip ta' kontenut li jaraw, perjodi mingħajr skrins, attivitajiet alternattivi biex titnaqqas id-dipendenza fuq it-teknoloġiji diġitali)⁴⁰, u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-età għall-użu tal-iskrins u l-media soċjali.

⁸⁶ Dan il-pjan ta' azzjoni ser jikkomplementa l-pjan ta' azzjoni li jmiss kontra l-bullying ċibernetiku. Ara aktar hawn:

U. Von Der Leyen - Candidate for the European Commission President, Europe's Choice - Political Guidelines For The Next European Commission 2024-2029, Strasbourg, 18.07.2024, https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_en?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_EN.pdf.

⁸⁷ Ittra ta' Missjoni minn Ursula Von Der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea, lil Glenn Micallef, Kummissarju nominat għall-Ekwità Interġenerazzjonali, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Ispport, Brussell, 17.9.2024, https://commission.europa.eu/document/download/c8b8682b-ca47-461b-bc95-c98195919eb0_mt?filename=Mission%20letter%20-%20MICALLEF.pdf.

Mission Letter from Ursula Von Der Leyen, President of the European Commission, to Olivér Várhelyi, Commissioner-designate for Health and Animal Welfare, Brussels, 17.09.2024, https://commission.europa.eu/document/download/b1817a1b-e62e-4949-bbb8-ebf29b54c8bd_en?filename=Mission%20letter%20-%20VARHELYI.pdf.

79. TIŻGURA li d-dritt Ewropew u nazzjonali jaħdmu flimkien b'mod effiċjenti biex jipprevjenu prattiki kummerċjali inġusti u li jagħmlu l-ħsara fl-ambjent online u jinforzaw ir-regolamentazzjoni eżistenti b'mod effettiv.
80. TIŻGURA l-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tat-tfal u ż-żgħażaġħ madwar l-Ewropa fl-iżvilupp ta' politiki, azzjonijiet u soluzzjonijiet tal-UE mmirati biex jagħtuhom is-setgħa online u jnaqqsu l-impatt negattiv tat-teknoloġiji diġitali fuq is-saħħa mentali tat-tfal u tal-adolesxenti⁸⁸.
81. TQAJJEM KUXJENZA fl-Unjoni Ewropea dwar il-konsegwenzi negattivi potenzjali li t-tfal u l-adolesxenti jingħataw aċċess għat-teknoloġiji diġitali f' stadju bikri, mingħajr superviżjoni, gwida jew limiti xierqa.
82. TĦEĠĠEĠ ir-riċerka dwar servizzi tas-saħħa mentali mfassla għall-era diġitali, u l-iżvilupp tagħhom, b'riżorsi, helplines, u konsulenza online ⁸⁹.
83. TISSORVELJA u TINFORZA l-konformità mill-partijiet ikkonċernati tan-negozju diġitali mar-regolamenti eżistenti dwar il-protezzjoni tat-tfal u l-adolesxenti fiċ-ċiberspazju, il-progress tagħhom f'dak il-qasam u l-pożizzjoni proattiva tagħhom u TIVVALUTA kontinwament jekk għandniex l-għodod it-tajba biex nindirizzaw l-isfidi.

⁸⁸ Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=oj:JOC_2018_456_R_0001.

⁸⁹ Chen, T., Ou, J., Li, G., Luo, H., "Promoting mental health in children and adolescents through digital technology: a systematic review and meta-analysis", Frontiers In Psychology, 12 ta' Marzu 2024, Vol. 15, <https://doi.org/10.3389/fpsyg.2024.1356554>.

84. TIDENTIFIKA eżempji, fir-rigward tal-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal u tal-adolessenti, ta' disinn tajjeb u sikur ta' teknoloġija diġitali, b'mod partikolari dik tal-pjattaformi tal-media soċjali, u TĦEĠĠEĠ inizjattivi li jippromwovu kontenut san biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi tat-teknoloġiji diġitali.
85. TQIS id-diversità tal-popolazzjoni Ewropea fit-tfassil ta' inizjattivi ta' politika, sabiex tippromwovi l-protezzjoni xierqa tat-tfal u l-adolessenti li s-saħħa mentali tagħhom hija potenzjalment friskju.
86. TIPFROMWOVI r-riċerka u l-innovazzjoni biex tiġi ġġenerata aktar evidenza xjentifika ta' kif l-użu tat-teknoloġiji diġitali jaffettwa s-saħħa mentali u l-benesseri tat-tfal u tal-adolessenti f'soċjetà dejjem aktar diġitali, ISSEWGI u TEVALWA l-impatt ta' strateġiji u inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-użu san u bbilanċjat tat-teknoloġija diġitali u TIVVALUTA l-possibbiltajiet għal finanzjament konsistenti biex jiġu appoġġati kemm ir-riċerka kif ukoll azzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza f'dan il-qasam.
-